MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 960/2013

**Carson Caruana (Karta tal-Identita` Numru 515681 (M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors Guramentat ta' Carson Caruana (Karta tal-Identita` Numru 515681 M) datat 7 ta' Ottubru 2013 fejn espona: -

Illi fl-Att tat-Twelid tal-esponent mahrug mir-Registru Pubbliku bin-numru hamsa, wiehed, hamsa, sitta (5156) tas-sena elf, disa' mija wiehed u tmenin, anness u mmarkat bhala Dokument "CC1" l-isem tal-esponent fil-kolonna *"Ismijiet Moghtija "* hemm l-ismijiet Carson John

Spiridione u fil-kolonna *"Isem li t-tarbija ghandha tigi msejha",* jidher bhala Carson.

Illi minkejja dan, l-esponenti ilu tul hajtu kollha juza l-isem *"Kirston "* bhala l-isem li bih jigi msejjah u tabilhaqq dejjem kien maghruf bl-isem *"Kirston"* u konsistentement kien imsejjah u maghruf bl-istess isem u mhux bl-isem *"Carson",* mill-familja, hbieb, konoxxenzi u kollegi fuq il-post tax-xoghol u dan kif ser jirrizulta mill-provi li ser jigu prodotti fil-mori tal-kawza.

Illi d-dokumenti ufficjali tar-rikorrent, inkluzi l-licenzja tas-sewqan tieghu u dokumenti dwar il-vettura (*vide* dokument anness u mmarkat Dok CC2 u Dok CCS) kif ukoll dokumenti tal-bank u tal-*insurance* (vide dokument anness u mmarkat Dok CC4 u Dok CCS) d-dokument tax-taxxa (*vide* dokument anness u mmarkat Dok 6), il-*payslips* tax-xoghol (*vide* dokument anness u mmarkat Dok CC 7), kif ukoll certifikati mahruga fuq ismu (*vide* dokumenti Dok CC8 - Dok CC20), u l-kontijiet ta' servizzi u utilitarjiet (*vide* dokument Dok CC21) u dokumenti mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha (*vide* dokument Dok CC 22) kollha jindikaw li fil-hajja ta' kuljum tieghu, l-esponent kien maghruf bhala *"Kirston "* u mhux bhala *"Carson;"*

Illi dan l-istat ta' fatt qieghed jikkaguna inkonvenjent u pregudizzju lill-esponent kif ukoll diversi problemi u kumplikazzjonijiet fil-hajja privata ta' kuljum tieghu.

Illi l-esponent ghandu interess illi l-Att ta' Twelid tieghu jkun jirrifletti l-isem li hu u l-familja tieghu konsistentament juzaw bhala l-isem li bih jissejjah minflok l-isem li hemm imnizzel fuq l-imsemmi Att tat-Twelid.

Illi ghalhekk hemm il-htiega illi l-Att ta' Twelid, illi jgib in-numru hamsa, wiehed, hamsa, sitta (5156) tas-sena elf, disa' mija wiehed u tmenin (1981), jirrifletti l-istat fattwali u *cioe`* jigi registrat l-isem bhala *Kirston* flok dak ta' *Carson,* sabiex b'hekk, is-sitwazzjoni *de jure* tkun tirrifletti s-sitwazzjoni *de facto* u jigu evitati sitwazzjonijiet ta' konfuzjoni minhabba tali differenza, u dan wara li din l-

Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li l-isem *Kirston* huwa l-isem li bih l-esponent kien konsistentament imsejjah u dan *a tenur* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Previa kull dikjarazzjoni rikjesta skont il-ligi, tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponent dejjem kien u ghadu konsistentament imsejjah u maghruf bhala *Kirston,* u mhux bhala *Carson.*

2. Tordna illi fl-Att ta' Twelid numru hamsa, wiehed, hamsa, sitta (5156) tas-sena elf, disa' mija wiehed u tmenin (1981), jigi registrat l-isem ta' *Kirston* flok dak ta' *Carson* kull fejn dan jidher fl-Att imsemmi u cioe' l-isem jew ismijiet moghtija u l-isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha.

3. Tordna illi kull tibdil effettwat fl-Att ta' Twelid numru hamsa, wiehed, hamsa, sitta (5156) tas-sena elf, disa' mija wiehed u tmenin (1981), kif fuq premess, jigi rifless f'kull Att tal-Istat Civili tal-esponent u kull att pubbliku iehor ga ezistenti jew illi minn zmien ghal zmien jista' jigi mahrug fil-konfront tal-esponent, inkluzi l-karta tal-identita` u l-passaport tal-esponent; u

4. Tordna kull pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern rikjesta *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u taghti kull provvediment li jidhrilha opportun.

Salv kull provvediment iehor illi din il-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013.

Rat ir-risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta' Novembru 2013 (fol 36) fejn espona:-

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-anqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tat-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax mill-att tat-twelid li jgib in-numru ta' registrazzjoni 5156 tas-sena 1981 li effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni li jista' jkun attribwit lill-esponent. Di fatti d-dikjarazzjoni fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti saret minn missier ir-rikorrenti stess u cioe' minn Spiru Caruana, fejn iddikjara li d-dettalji mnizzla fuq l-istess att huma korretti, inkluzi l-ismijiet moghtija lir-rikorrent mill-genituri tieghu stess.

3. Illi l-esponent jirrileva wkoll li t-tielet talba tar-rikorrent ma tistax tigi akkolta *stante* li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku huwa kompetenti biss fir-rigward tal-atti tal-istat civili u mhux tal-atti pubblici kollha tal-hajja civili tar-rikorrenti u ghaliex skont l-artikolu 253(3) tal-Kap 16 ir-rikorrenti ghandu jispecifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili li hu qieghed jaghmel referenza ghalihom.

4. Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talba u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

5. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

6. Salv Eccezzjoni ulterjuri

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Novembru 2013 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Maurizio Cordina ghall-intimat u Dr. Paul Micallef Grimaud ghar-rikorrent prezenti. Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku rrimetta ruhu ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti fid-dawl tad-dokumenti li gew prezentati mir-rikorrent u tal-Artikolu ccitat. Il-partijiet iddikjraw li m’ ghandhomx provi aktar. Il-kawza giet differta ghas-setenza ghas-16 ta’ Jannar 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba ai termini tal-artikoli 253(2) *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Skont is-sub-artikou 253(2) : "*Kull persuna tista’ tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni ta’ l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa*"

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata kif indikat mid-dokumenti esebiti, fejn jirriżulta evidenti li l-attur dejjem issejjaħ bl-isem “Kirston". Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dan u ma għandux ibati spejjeż.

Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha attriċi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, tilqa' it-talbiet tal-attur billi:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponent dejjem kien u ghadu konsistentament imsejjah u maghruf bhala *Kirston,* u mhux bhala *Carson.*

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna illi fl-Att ta' Twelid numru hamsa, wiehed, hamsa, sitta (5156) tas-sena elf, disa' mija wiehed u tmenin (1981), jigi registrat l-isem ta' *Kirston* flok dak ta' *Carson* kull fejn dan jidher fl-Att imsemmi u cioe' l-isem jew ismijiet moghtija u l-isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha.

3. **Tilqa'** it-tielet talba u tordna illi kull tibdil effettwat fl-Att ta' Twelid numru hamsa, wiehed, hamsa, sitta (5156) tas-sena elf, disa' mija wiehed u tmenin (1981), kif fuq premess, jigi rifless f’kull Att tal-Istat Civili tal-esponent u kull att pubbliku iehor ga ezistenti jew illi minn zmien ghal zmien jista' jigi mahrug fil-konfront tal-esponent, inkluzi l-karta tal-identita` u l-passaport tal-esponent; u

4. **Tilqa'** r-raba' talba u tordna kull pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern rikjesta *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------